Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 273 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Joseph Brincat

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Brincat detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 197159 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Jannar ta' 2017, ghall-habta ta' bejn it-8:00 am u d-9:00 am u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, b' diversi atti maghmulin minnhu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzJoni tal-Ligi w gew rnaghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1) Gab ruhu b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jaghti fastidju lill-Catherine Brincat;
2) Ikkaguna biza li ser juza vjolenza kontra Catherine Brincat jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxenednti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1);

3) Ikkommetta reat li punibbli bi' prigunerija waqt il-perjodu attiv tas-sentenza sospiza mposta fuqu datata 26 t' Awwissu, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella;
4) Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Catherine Brincat jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku skond il-provedirnenti tal-Art 383 u 412 C tal-Kap 9 tal-Kodici Krirninali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 28 B, 251 A (1) (b) u 251 B (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ikkundannatu b' multa ta' €2,500.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Brincat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi;
2. Alternattivament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, tirriforma u tvarja s-sentenza appellate in kwantu ghall-piena mposta billi minflok timponi piena aktar miti, ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjem.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi ghalhekk l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

1. Illi fl-ewwel lok, l-appellant jaghmel referenza ghall-affidavit ta' PS 1227 u li gie prezentat mill-prosekuzzjoni fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellant fil-fatt gibed l-attenzjoni ta' dik il-Qorti ghad-diskrepanzi li jikkontjeni dan l-affidavit senjatament fejn fit-tieni pagna tal-istess hemm miktub hekk, "Catherine Grixti qaltli li din rnhux l-ewwel darba. Fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma xehdet l-ebda Catherine Grixti u sa' fejn jaf l-appellant huwa qatt ma kellu x' jaqsam mal-ebda persuna b' dak l-isem. Wiehed jista' forsi jittenta jargumenta li dak kien biss l-apsus calami da parti ta' PS 1227 fejn flok kiteb Catherine Brincat kiteb Catherine Grixti. Pero' mbaghad l-istess affidavit ikompli hekk, "Leonard Grixti talabni sabiex jittiehdupassi bil-Qorti kontra Lucienne Grixti". Kif ser jirrizulta' fil-mori ta' dan l-umli appell, lanqas ma jezistu l-ebda Leonard Grixti u / jew Lucianne Grixti li ghandhom jew kellhom x' jaqsmu mal-fatti tal-kaz odjern.

   Illi ghalhekk dan l-affidavit, li ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi jikkostitwixxi xhieda bil-gurament tas-Surgent 1227 li ha r-rapport ta' Catherine Brincat, zgur li ma ghandux mis-sewwa. B' hekk dan l-affidavit ma seta' qatt jikkostitwixxi prova valida fil-konfront tal-imputat appellant. Isegwi li l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni ta' dak l-istess affidavit li ghab-bazi tieghu nstabet htija fuq l-appellant u anzi, dik il-Qorti kellha tiskarta l-istess, kemm ghar-raguni li fil-process kriminali l-akkuzat irid jipprova l-kaz tieghu sa' grad inqas minn dak tal-pulizija u anke in linea mal-insenjament li dejjem gie mhaddan mill-qrati taghna in dubio pro reo.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda preudizzju ghall-ewwel aggravju, huwa indiskuss li Catherine Brincat fl-ebda hin u mument ma ltaqghet mal-appellant. Mix-xhieda taghha stess quddiem l-Ewwel Qorti hareg car u tond li fl-ebda hin u mument ma kien hemm xi kuntatt bejnha u bejn l-appellant. Il-partijiet lanqas biss ltaqghu fil-gurnata tat-3 ta' Jannar, 2017. L-appellant jissottometti umilment li ghaldaqstant huwa qatt ma seta' jinstab hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement lanqas tat-tielet akkuza.

3. Illi t-tielet aggravju tal-appellant, dejjem minghajr preugudizzju ghall-aggravji precedenti tieghu, jirrigwarda strettament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jissottomeni li anke jekk in pessima ipotezi din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mal-aggravji precedenti tieghu, ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti fis-sens li din ghandha tkun wahda inqas harxa tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi dawn l-aggravji qed isiru minghajr pregudizzju u b' riserva ghal kwalunkwe aggravju iehor rilevanti li jaf talvolta jkun idoneju, xieraq u necessarju waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-umli rikors tal-appell.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u anke semghet liz-zewg ko-litigandi jaghtu ix-xhieda taghhom rigward incident izolat li sehh fit-03 ta' Jannar 2017. Jidher illi l-partijiet ghandhom problemi matrimonjali bejniethom u ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali. Illi permezz ta' sentenza datata 26 ta' Awwissu 2016 kien inhareg Ordni ta' Protezzjoni mill-Qorti tal-Magistrati liema ordni impona divjiet fuq l-appellanti milli javvicina lill-parti leza jew il-post tar-residenza taghha. Illi fil-jum indikat fl-akkuza, allura bi vjolazzjoni ta' tali Ordni, l-appellanti acceda fir-residenza ta'l-parti leza u dan fil-hin meta hija inzertat ma kenitx id-dar.

Illi l-appellanti fl-ewwel lok qed ifittex li jigi ezonerat mill-htija billi jishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tistrieh fuq l-affidavit imressaq mis-surgent 1227 Pace billi dan huwa mimli inezatezzi fejn f'punt minnhom sahansitra jaghmel referenza ghal terzi persuni, certu Catherine Grixti, Leornard Grixti u Lucianne Grixti li m'ghandhom xejn x'jaqsmu ma' dan il-kaz. Inoltre l-appellanti ma kellu l-ebda intenzjoni jaghti fatsidju jew jikkaguna biza lil martu l-parti leza billi f'dan l-incident qatt ma kellu kuntatt maghha u l-uniku haga li ghamel kien li mar ma' ibnu Shaun Brincat fir-residenza taghha sabiex dan ta'l-ahhar jigbor xi karti personali minn hemm fejn l-appellanti jishaq li baqa' jistennieh barra fil-parapett tad-dar.

Issa l-parti leza ma tikkontestax il-fatt illi fil-jum indikat fl-akkuza ma kienx hemm kuntatt bejnha u bejn zewgha l-appellanti, izda tishaq illi hekk kif kienet ser tirritorna lura id-dar lemhet mill-boghod lil zewgha fil-parapett tad-dar taghha u

bezghet minnu tant li marret dritt taghmel rapport lil-pulizija. Dan ghaliex tishaq illi kien hemm okkazzjonijiet fejn zewgha kien imur ghandha id-dar u jispicca ighajjat maghha u ighajjarha ghalkemm hemm kontra tieghu vigenti Ordni ta' Protezzjoni.

Issa ghalkemm l-affidavit tas-surgent 1227 f'parti zghira tieghu u cioe' fi tlett linji minn erba faccati, jidher li qed isemmi nies estranji ghal dan il-kaz, madanakollu dan jidher li kien *lapsus komputeris* u mhux ghaliex kien qed ifixkel xi kaz ma' iehor. Tant hu hekk illi huwa jirriproduci *verbatim* dak li qallu l-appellanti meta gie mitkellem u anke dak li qallu iben l-appellanti Shaun Brincat, li din il-Qorti ma tiddubitax mill-veracita tal-kontenut tal-istess, tant illi dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies huwa riprodott minn Shaun Brincat fix-xhieda tieghu. Issa l-appellanti fl-ebda waqt tul il-proceduri in prim'istanza ma indenja ruhu jaghmel kontro-ezami lis-surgent 1227 fuq dan il-fatt, tant illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi huwa induna, kif irrizultalha lil din il-Qorti ukoll, illi l-izball sar b'*lapsus* u mhux b'mod intenzjonali ghaliex ix-xhud ma kienx qed jiftakar il-fattispecje ta' dan il-kaz u tar-rapport li kien sarlu.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lis-surgent 1227, wara li gie moghti id-debita twissija, l-appellanti jammetti li hu meta jara lil martu jistaqsieha jekk hijiex qieghda ma' haddiehor u anke jammetti li kien hemm okkazzjoni meta mar ihabbtilha il-bieb tad-dar allegatament biex tghaddielu hwejjgu. Mhux biss izda minn dak li ighid jirrizulta illi anke isegwi l-passi taghha tant illi jaf li hija ma toqghodx f'din ir-residenza. Fil-fatt il-parti leza stess fix-xheida taghha tikkonferma illi hija qieghda torqod il-Qawra u mhux fid-dar taghha gewwa il-Qrendi.

Dawn il-fattispecje tal-kaz ma ihallu l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti illi l-appellanti ghadu qed isegwi il-passi ta' martu ghalkemm hemm Ordni ta' Protezzjoni vigenti, tant illi qed jkun ta' fastidju ghalih u qed igieghla tibza' minnu kif jirrizulta f'din l-okkazzjoni meta hija immedjatament irrikorriet ghand il-pulizija hekk kif lemhietu fid-dar taghha.

Illi l-qrati taghna miz-zmien tal-promulgazzjoni tar-reat tal-hekk ismejjah 'harassement' interpretaw id-disposizzjoni ta'l-artikolu 251A bhala dak ir-reat li irid isarraf f'imgieba persistenti u abitwali u li jista' jikkaguna allarm, biza, dwejjaq jew

*stress* fuq il-vittma, dejjem tenut kont tar-retroxxena ta' kull kaz individwali[1]. Dan ghaliex l-artikolu 251A jissanzjona "***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta***[2]"

Fuq dina l-iskorta ta' taghlim gurisprudenzjali abbinati mal-fatti tal-kaz, din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mil-fehma milhuqa mil-Ewwel Qorti.

Illi finalment il-piena inflitta mil-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma issb l-ebda raguni valida li tista' twassalha biex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mil-Ewwel Qorti iktar u iktar meta l-appellanti stess fl-aggravvju minnu interpost marbut mal-piena erogata mil-ewwel Qorti ma iressaqx l-icken mottiv ghal lanjanza minnu ventilata meta jishaq illi din il-piena hija wahda harxa. Dini l-Qorti certament ma tarax illi ghandha ghalfejn toqghod tfittex il-mottiv hija stess, izda fi kwalunwke kaz tenut kont illi sahansitra fil-konfront ta'l-appellanti diga hemm Ordni ta' Protezzjoni li giet miksura, il-piena f'dan il-kaz tista' titqies illi hija wahda ragjonevoli.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Edwina Grima

Imhallef

---

[1] Ara Il-Pulizija vs Julian Cesare App. Krim 19/02/2010; I-Pulizija vs Massimo Tivisini App. Krim. 27/02/2009, Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez App.Krim 21/06/2007

[2] Il-Pulizija vs Paul Attard – App. Krim 27/09/2007